

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Marzu 2017 – GX vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-556/16) <sup>(1)</sup>**(“Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Avviż ta’ kompetizzjoni — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/248/13 — Deċiżjoni li l-isem tar-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta’ riżerva — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)**

(2017/C 144/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: GX (rappreżentant: G. M. Enache, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla EPSO/AD/248/13, tal-20 ta' Awwissu 2014, li l-isem tar-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva u, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu materjali u morali li r-rikorrent kien allegatament issubixxa minħabba din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) GX hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 279 tal-24.8.2015 (kawża inizzjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-89/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fid-1.9.2016).

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2017 – Przedsiębiorstwo Energetyki Ciepłej vs ECHA**

(Kawża T-625/16 R)

**(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — REACH — Tariffi dovuti għar-reġistrazzjoni ta’ sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju — Deċiżjoni li timponi dritt amministrattiv u tariffa komplementari — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2017/C 144/64)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Przedsiębiorstwo Energetyki Ciepłej sp. z o.o. (Grajewo, il-Polonja) (rappreżentant: T. Dobrzyński, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: E. Maurage u J. Trnka et M. Heikkilä, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għall-għoti ta' miżuri provviżorji intiżi, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni Nru SME (2016) 2851 tat-23 ta' Ġunju 2016 li tiddikjara li r-rikorrenti ma setgħatx tibbenefika mit-tnaqqis fit-tariffi applikabbli għall-impriżi ta' daqs medju, u, min-naħa l-oħra, għall-kundanna tal-konvenuta sabiex tannulla l-kontijiet maħruġa fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri l-kontijiet tal-ECHA Nru 10058238 u Nru 10058239 tat-23 ta' Ġunju 2016.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2017 – Fertisac vs ECHA****(Kawża T-855/16 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — REACH — Tariffa dovuta għar-reġistrazzjoni ta’ sustanza — Tnaqqis mogħti lil impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju — Deċiżjoni li timponi imposta amministrattiva u tariffa supplementari — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2017/C 144/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Fertisac, SL (Atarfe, Spanja) (rappreżentant: J. Gomez Rodriguez, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: E. Maurage, J. P. Trnka u M. Heikkilä, aġenti, assistiti minn C. Molyneux, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni SME (2016) 5150, tal-15 ta' Novembru 2016, li tikkonkludi li r-rikorrenti ma setgħetx tibbenefika minn tnaqqis tat-tariffi applikabbli għall-impriżi medji, u tal-fatturi maħruġa abbażi tal-imsemmija deċiżjoni, jiġifieri l-fatturi tal-ECHA Nru 10060160 u Nru 10060161, tal-15 ta' Novembru 2016.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2017 – ADDE vs Il-Parlament****(Kawża T-48/17 R)****(“Miżuri provviżorji — Finanzjament ta’ partit politiku — Dritt istituzzjonali — Garanzija bankarja — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2017/C 144/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alliance for Direct Democracy in Europe ASBL (ADDE) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Defalque, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Burgos u S. Alves, aġenti)